# SAN GUZEPP U SANTA FAWSTINA

San Guzepp huwa meqjus bhala t-"Terrur tad-Demonji".

Qabel xejn x'nifhmu meta nghidu terrur? Hija l-oppost tat-Tama, kundizzjoni li timbet minn nuqqas ta' tama f'Alla, li jhobbna u jrid dak li huwa l-ahjar ghalina.



Fid-djarju taghha Santa Fawstina tikteb dwar it-terrur – it-terrur tal-erwieh moribondi kif wkoll dawk il-mumenti li fihom it-terrur hakimha. Gesu' talabha li tghinu halli l-erwieh isalvaw billi tirrecita' il-Kurunella tal-Hniena Divina ghall-midimbin moribondi. Tikteb fid-djarju taghha:

1798. F'daqqa wahda, sibt ruhi f'razzett stramb fejn anzjan kien qed imut fost turmenti kbar. Madwar is-sodda kien hemm qabda demonji u l-familja jibku. X'hin bdejt nitlob, l-ispirti tad-dlam harbu, filwaqt li bdew iwaddbu lejja hsejjes u theddid. Ir-ruh ikkalmat, u mimlija fiducja, striehet fil-

Mulej. Fl-istess waqt, ergajt sibt ruhi f'kamarti. Kif jigri dan . . . jiena ma nafx.

Id-demonji kienu jafu li ma kellhom ebda cans li jirbhu dik ir-ruh billi t-talba tal-Kurunella tal-Hniena Divina ghandha siwi kbir quddiem Alla u anqas ma' Santa Fawstina ma kienu ser jirbhu ghax hija kienet qrib hafna ta' Gesu'.

Madanakollu Santa Fawstina ukoll ghaddiet minn mumenti koroh u ta' biza. Gesu' jcanfarha ghal dan u jghidilha.

453. Darba l-Mulej qalli, Ghaliex qieghda tibza' u tirtoghod meta inti maqghuda Mieghi? Ma nehux gost meta ruh iccedi ghal biza' bla bzonn. Min ser jazzarda jmissek meta inti tinsab Mieghi? L-iktar ghaziza ghalija hi r-ruh li temmen bil-qawwa fit-tjubija Tieghi u li ghandha fiducja shiha Fija. Jiena nghabbiha bil-fiducja Tieghi u naghtiha kulma hi titlobni.

Santa Fawstina eventwalment tghallmet ghand min ghandha tmur sabiex il-bezghat taghha tikkalmahom u tinghaqad ma' Gesu'. Dan ma kien hadd hlief il-missier putattiv ta' Gesu', San Guzepp. Il-litanija tieghu tiddentifikah bhala t-Terrur tad-Demonji u ma hemm xejn biex wiehed jistghageb. Dan ir-ragel kien afdat bil-missjoni singulari li jiehu hsieb u jipprotegi lill- Familja

Qaddisa, kien imzejjen b' hafna grazzji biex bis-sahha taghhom ikisser u jgib fix-xejn il-qawwa tad-dlamijiet. Id-demonji ma jistghu jaghmlu xejn ma' San Guzepp. Fuq dan l-argument Santa Fawstina tikteb:

1203. San Guzepp heggigni biex ikolli devozzjoni lejh il-hin kollu. Hu stess qalli nghid tliet darbiet (il-Missierna, is-Sliema, u l-Glorja) u l-Memorare (nota204) darba kuljum. *(ARA T-TALBA ISFELNETT)*. Hu hares lejja bi tjubija kbira u tani x'nifhem kemm hu qieghed jghin f'din l-opra (tal-hniena). Hu weghedni din l-ghajnuna specjali u l-harsien tieghu. Jiena nitlob it-talb li qalli nghid kuljum u nhoss il-harsien speċjali tieghu.

Meta ssib ruhek taht xi saram ersaq lejn San Guzepp li qatt ma ceda ghall-bizghat tal-hajja. Kien sod fil-fidi tieghu, dejjem sintonat mar-rieda ta' Alla. Fis-sema fejn qed isaltan ma' martu Marija u Gesu' huwa jservi ta' medjatur meta l-forzi jissuperaw il-kontrol tieghek, inkluz il-qawwiet tad-dlamijiet tad-demonju, jfittxu li jhawduk u jresquk lejn ir-rovina.

Lejn tmiem hajjitna meta nkunu qrobna biex inroddu l-gisem taghna lil art, hafna nies jhossuhom iddisprati. Imma San Guzepp ikisser kull qtiegh il-qalb u l-hwejjeg kollha li jtellfuna u jopponu it-tama taghna fi Kristu Rxoxt. Mis-sema dan ir-ragel umli u silenzjuz, imma ta' sahha liema bhala, jiggwidana lejn dik il-paci li biss nistghu nsibu fi Kristu.

***Guzepp Terrur tad-Demonji, itlob ghalina.***

Memorare lill San Guzepp

Ftakar, O Għarus purissimu ta' Marija Verġni, O ħelu Protettur tiegħi San Ġużepp, li qatt ħadd fid-dinja ma' nstama li sejjaħ il-għajnuna u talab il-protezzjoni tiegħek mingħajr ma' ġie minnek ikkonsolat. B'din it-tama qawwija, jiena niġi quddiemek, u b'ħerqa kbira lilek, nirrakommanda ruħi. Deh! ilqa t-talba tiegħi, O Missier